MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 86/2002

**Manwel Stellini**

**vs**

**Paul Mark u Sue konjugi Barrans**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress li l-attur kera lill-konvenuti l-fond “Villa Dynasty”, Triq Bir-Rix, Santa Lucija, Kercem, Ghawdex;

Peress illi l-konvenut inkarigaw lill-attur sabiex jaghmel diversi xogholijiet fl-istess fond konsistenti f’xiri ta’ oggetti u li rrenda numru ta’ servizzi fl-istess fond;

Peress li whud mix-xogholijiet u servizzi saru minhabba negligenza u traskuragni tal-konvenuti peress li naqsu li jikkontrollaw klieb li kienu fil-pussess u kura ta’ l-istess

konvenuti u liema xogholijiet u servizzi saru fuq promessa li l-attur jigi mhallas u kkumpensat;

Illi minkejja diversi promessi mill-konvenuti u minkejja interpellanzi bil-miktub sabiex il-konvenuti jersqu ghall-hlasijiet u likwidazzjoni tad-danni, l-istess konvenuti naqsu li jaghmlu dan;

Illi in sostenn tal-pretensjonijiet atturi, l-attur intavola Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fil-konfront tal-konvenuti fir-registru ta' dan l-Onorabbli Tribunal.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat u d-danni sofferti fil-proprjeta' ta' l-attur.

2. Jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' elf, erba' mija, disgha u ghoxrin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm1429.86) prezz ta' servizzi maghmula u oggetti mixtrija inkluz l-interessi sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta' l-ittri bonarji tad-29 ta' April, 2002, u 13 ta' Mejju, 2002, inkluz tal-Mandat ta' Qbid Kawtelartorju Nru: 110/2002 bil-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni."

Ra r-risposta:

1. "Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ghandu l-privilegium fori a tenur tal-Artikolu 50 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ill bla pregudizzju tal-premess l-attur kellu jinnotifika lill-konvenut bil-lingwa Ingliza galadarba li huwa barrani u ma jifhimx bil-Malti u dan a tenur tal-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz tal-1965).

3. Illi bla pregudizzju ghal premess il-konvenut kera fond f'Ghawdex ghax kien impjegat mas-

San Lawrenz Hotel, Ghawdex liema impieg gie terminat f'Marzu 2002 u ghalhekk kellu jirritorna Malta ghax-xoghol gdid.

4. Illi mhux minnu illi huwa kellu jaghmel xi xogholijiet fil-fond in kwistjoni imma huwa kien inkwilin u hallas il-kera regolarment.

5. Illi huwa mhux responsabbli ghal hsarat pretizi mill-attur.

6. Illi ma saru ebda hsarat b'tort u negligenza da parti tal-konvenut u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

7. Salv eccezzjonijiet ohra."

Ra l-verbal tas-seduti tal-4 ta' Lulju 2003 u tal-10 t'Ottubru 2003 imnejn jirrizulta li l-partijiet talbu lit-Tribunal jippronunzja sentenza a bazi tat-transazzjoni ivi pattuwita;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' elf lira Maltija (LM1,000) ghas-saldu tal-pretenzjonijeit tal-attur, pagabbli hames mitt lira mhux iktar tard mill-25 t'Ottubru 2003 u l-bilanc ta' hames mitt lira bir-rata ta' mitt lira kull xahar; l-ewwel pagament isir fil-25 ta' Novembru 2003. Appena jsir il-hlas finali l-attur ghandu jirtira kwalunkwe procedura li hemm pendenti bejn il-partijiet fi kwalunkwe Tribunal jew Qorti. L-ispejjez tal-kawzi kollha pendenti inkluza l-istanti jkunu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------